MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 257/2014

**A B f'isimha proprju u ghan-nom**

**u fl-interess ta' bintha minuri C D u**

**G E F**

**vs**

**L-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo**

**li permezz tad-digriet datat 18 ta' Frar 2015 gew nominati kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lill-assenti H D; u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici G E F u A B proprio et nomine li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"IL-FATTI

1. Illi r-rikorrenti A B kienet involuta f'relazzjoni intima mar-rikorrenti l-iehor G E F fil-bidu tas-sena 2010, mil-liema relazzjoni twieldet il-minuri C fil-11 ta' Novembru 2010;

2. Illi jigi spjegat li fl-istess perjodu illi r-rikorrenti kellhom x'jaqsmu intimament flimkien, ir-rikorrenti A B kienet ilha f'relazzjoni ma' terza persuna, l-intimat H D ghal zmien sena u baqghet ghaddejja b'din ir-relazzjoni taghha ghal kwazi erba' snin wara it-twelid tat-tarbija;

3. Illi meta r-rikorrenti A B inqabdet tqila kien gieha dubju illi missier it-tarbija seta' kien ir-rikorrenti l-iehor G E F biss peress illi kienet qed tipprova ikollha tarbija minn H D, assumiet illi t-tarbija kienet ta' l-intimat D u konsegwentement irregistrat lil bintha fuq isem l-intimat H D, u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minuri;

4. Illi wara illi twieldet it-tarbija, hekk kif ir-rikorrenti G E F beda jibghat ritratti tat-tfal l-ohra tieghu minn relazzjoni precedenti u aktar ma beda jghaddi z-zmien, kien jidher car illi l-minuri kienet tixbah hafna lit-tfal l-ohra ta' F izda r-rikorrenti A B kienet tibza' mill-partner taghha u r-reazzjoni tieghu u dana peress illi kien bniedem fizikament vjolenti;

5. Illi fil-bidu ta' din is-sena, ir-relazzjoni bejn A B u H D giet fi tmiemha u kien f'dan il-perjodu li A B regghet qabdet il-kuntatt ma' G E F u issuggerit illi jsir it-test tad-DNA sabiex tigi ccarata formalment is-sitwazzjoni;

6. Illi l-paternita tal-minuri C giet effetivament stabbilita permezz tat-test opportun tad-DNA illi r-rikorrenti issottomettew ruhhom ghalih ma' Dr. Marisa Cassar tal-MLS BioDNA

fid-19 ta' Mejju 2014, li juri bic-car illi l-probabbilita illi r-rikorrenti G E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri hija 99.9999%, kopja ta' liema rizultat rilaxxat fit-22 ta' Mejju 2014;

7. Illi l-intimat H D m'ghandu l-ebda interess fil-minuri u malli gie infurmat illi l-minuri C mhix bintu huwa bezaq fuq it-tifla, waqqaf ir-relazzjoni mar-rikorrenti A B u sparixxa minn hajjitha u minn hajjet l-istess minuri;

8. Illi r-rikorrenti ghandhom interess illi binthom tigi dikjarata bhala l-wild naturali tar-rikorrenti G E F, u li ma tibqax tidher aktar bhala l-wild ta' l-intimat D meta dan m'huwiex missierha bijologiku. Dana apparti l-fatt illi r-rikorrenti G E F diga assuma r-responsabbilitajiet tieghu versu bintu C u qieghed jikkontribwixxi b'mod validu u regolari ghall-istess bintu;

9. Illi di piu kemm ilha li giet stabbilita il-paternita tal-minuri, din il-minuri avvicinat ruhha immedjatament ma' missierha G E F daqs li kieku ilu prezenti fil-hajja taghha sa mit-twelid, tirreferi ghalih bhala papa u thobbu immensament. Di piu hija diga’ iltaqghat ma' huha l-iehor Maximus, li huwa t-tifel ta' G E F ta' 13-il sena u r-relazzjoni bejniethom ukoll qed tissahhah u avvicinaw ruhhom hafna. Ghalhekk huwa wkoll fl-ahjar interessi tal-minuri li diga ghandha relazzjoni b'sahhitha ma' missierha ir-rikorrenti G E F li l-minuri tigi registrata bhala l-wild naturali ta' l-istess rikorrenti;

RAGUNI GHAT-TALBA

10. Illi ghalhekk qeghdin isiru l-prezenti proceduri sabiex:

(a) Fl-ewwel lok, jigi stabbilit u dikjarat illi l-minuri C maghrufa bil-kunjom D hija effettivament bint ir-rikorrenti G E F u mhux bint l-intimat H D;

(b) Konsegwentement li ssir korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid bin-numru 3788/2010 sabiex jirrifletti din il-verita dwar il-paternita tal-minuri;

TALBIET

Ghaldaqstant in vista ta' dan fuq premess, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat H D m'huwiex il-missier naturali tal-minuri C D;

Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa r-rikorrenti G E F illi huwa l-missier bijologiku ta' l-istess minuri C;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-Att tat-Twelid numru 3788/2010 tal-minuri C prezentement maghrufa bil-kunjom D, ossia:

(a) Jissostitwixxi l-kunjom "D" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "F";

(b) Jissostitwixxi l-kliem "H D" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza ghall-intestatura ta' "Missier it- Tarbija" bil-kliem "G E F";

(c) Jissostitwixxi in-numri u l-kliem "AR 1908556 Italian Identity Card Number" fil-kolonna "id-Dokument ta' l-Identita" b'riferenza ghall-intestatura ta' "Missier it-Tarbija" bin-numri u l-kliem "520958296 British Passport Number";

(d) Jissostitwixxi in-numru "32" fil-kolonna "Eta" b'riferenza ghall-intestatura ta' "Missier it- Tarbija" bin-numru "48";

(e) Jissostitwixxi l-kliem "Acerra, Italy" fil-kolonna "Fejn Twieldu" in kwantu jirrigwarda l-intestatura "Missier it-Tarbija bil-kliem "Loveston, Wales, United Kingdom";

(f) Jissostitwixxi l-kliem "Italy" fil-kolonna "Fejn Joqoghdu" in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it- Tarbija" bil-kliem "Pembrokshire, Wales, United Kingdom";

(g) Jissostitwixxi l-kliem "Marco D (Dead)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b'riferenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija" bil-kliem "Peter F (Dead)"; "

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

"Illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatt li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv ecccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti konvenut H D li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat il-provi mressqa.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Jirrizulta illi l-minuri C twieldet mill-attrici li hi xebba. Bil-kunsens sew tal-attrici kif ukoll tal-konvenut H D gew registrati fuq l-att tat-twelid tal-minuri bhala l-genituri. Dik ir-registrazzjoni sehhet bis-sahh tal-**artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jipprovdi illi:-

“*It-tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista’ jiġi magħruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament:*

*Iżda meta l-persuna li tagħraf ruħha bħala missier it-tifel hija minuri, it- tagħrif li tagħmel din il-persuna huwa null:*

*Iżda wkoll it-tagħrif ta’ tifel imwieled barra miż-żwieġ minn persuna li tgħid li tkun missier it-tifel, li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jiġix reġistrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta tagħha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun laħaq l-età, ma jkunux ġew notifikati b’ittra uffiċjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi ħsiebha tapplika għar-reġistrazzjoni ta’ dak it-tagħrif u l-omm, jew il-werrieta tagħha skont il-każ, u t-tifel, ma jkunux fi żmien xahrejn minn dik in-*

*notifika permezz ta' nota preżentata fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali, qablu li ssir dik ir-reġistrazzjoni, f'liema każ dik l-ittra uffiċjali u n-nota li turi l-qbil għandhom jiġu notifikati lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li għandu jgħaddi biex jirreġistra l-imsemmi tagħrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Iżda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-età ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-reġistrazzjoni jew jibqgħu ma jweġbux fiż-żmien ta' xahrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jagħmel it-tagħrif ikun missier it-tifel u tordna r-reġistrazzjoni ta' dak it-tagħrif fl-atti tal-istat ċivili relattivi."*

Kif spjegat l-attrici fix-xhieda taghha kienu snin wara illi skopriet illi effettivament il-minuri ma kenitx bint il-konvenut H D izda bint l-attur G E F. Jirrizulta illi l-atturi B u F ftehmu illi jaghmlu t-test tad-DNA. Jirrizulta mir-rapport tad-DNA datat 22 ta' Mejju 2014 u redatt minn Dr Marisa Cassar illi effettivament missier il-minuri ma hux il-konvenut D izda l-attur F.

Ghalhekk l-atturi istitwew il-kawza odjerna. L-azzjoni tal-omm hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

**Artikolu 70A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel - (a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel; (b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel; (ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

**Arikolu 100A tal-Kap. 16:** '*F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.*'

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti gie ppruvat sodisfacentement illi missier il-minuti C D huwa l-attur G E F u mhux il-konvenut H D.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut H D ma hux il-missier naturali tal-minuri C D.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-attur G E F huwa l-missier bijologiku tal-minuri C D.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri C D jigu kancellati isem u kunjom il-konvenut H D u l-konnotati kollha tieghu u minflok jitnizzel isem u kunjom l-attur G E F u l-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw fit-tielet talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi A B u G E F.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------